



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

9.2.2011

B7-0106/2011

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar Ewropa 2020

Lothar Bisky, Cornelia Ernst, Thomas Händel, Jacky Hénin, Patrick Le Hyaric, Marisa Matias, Willy Meyer, Miguel Portas, Alfreds Rubiks, Eva-Britt Svensson, Rui Tavares, Marie-Christine Vergiat, Sabine Wils, Gabriele Zimmer, Nikolaos Chountis, Jürgen Klute, Ilda Figueiredo, Kyriacos Triantaphyllides
fisem il-Grupp GUE/NGL

RE\856680MT.doc

PE459.638v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar Ewropa 2020

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Linji Gwida Integrati għal Ewropa 2020, kif adotatti mill-Kunsill fl-2010 (Parti I - Linji Gwida Ġenerali għall-Politika Ekonomika, Parti II - Linji Gwida għall-Impjiegi),
 - wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2010 (Strateġija Ewropa 2020) tas-16 ta' Diċembru 2010 (Governanza Ekonomika) u tal-4 ta' Frar 2011 (Ewropa 2020, Politika tal-Enerġija u tal-Innovazzjoni),
 - wara li kkunsidra l-proposti tal-Kummissjoni dwar il-pakkett leġiżlattiv tal-governanza ekonomika (proċedura ta' żbilanċ eċċessiv, korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi) tad-29 ta' Settembru 2010,
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titlu "Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir: l-avanz tar-rispons komprensiv tal-UE għall-kriżi" (COM(2011)11 finali),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Istħarriġ Annwali tal-Kummissjoni dwar it-Tkabbir nieda l-ewwel ċiklu tas-Simestru Ewropew, kif approvat mill-Kunsill Ewropew fis-7 ta' Settembru 2010, li jiffoka fuq koordinament ex-ante tal-politiki baġitarji u ekonomiċi bi qbil, minn naħa minnhom, mal-Patt ta' Tkabbir u Stabilità u, min-naħa l-oħra, mal-Istrateġija Ewropa 2020; billi l-Kunsill ta' Marzu 2011 huwa mistenni li jipprovdi "gwida" għall-politiki tal-Istati Membri fiż-żewġ oqsma,
- B. billi l-Kummissjoni tbassar b'mod ottimist li hemm "sinjali ta' rkupru ekonomiku, minkejja li għadu żbilanċjat"; billi fil-verità fl-2010 u wara, il-parti l-kbira tal-Istati Membri kienu għadhom qed jiffaċċjaw sitwazzjoni ta' staġnar ekonomiku, uħud minnhom waqgħu friċċessjoni doppja, oħrajn kellhom rati negattivi persistenti ta' tkabbir, u kienu biss ftit minnhom li setgħu jibbenefikaw fl-2010 minn "tkabbir fl-esportazzjoni wara li reġa' beda l-kummerċ globali"; billi anke għal dawn il-pajjiżi esportaturi huwa mistenni tnaqqis fit-tkabbir ekonomiku għall-2011;
- C. billi l-Kummissjoni tenfasizza li "s-settur finanzjarju għadu ma rritornax għall-kundizzjonijiet normali u hemm sitwazzjonijiet ta' vulnerabilità għal stress u dipendenza fuq l-appoġġ statali", li l-kreditu għadu limitat u li "f'numru ta' Stati Membri d-djun ta' unitajiet domestiċi u dawk korporattivi għadhom eċċessivi",
- D. billi l-analiżi kritika tal-Kummissjoni rigward is-sitwazzjoni tas-settur finanzjarju jista' jkun li xorta tagħti stampa wisq pożittiva tas-sitwazzjoni reali: ħafna banek Ewropej għandhom muntanji ta' djun – tal-gvernijiet, tal-banek u tal-proprjetà; ħafna għadhom, fil-fatt, mingħajr likwidità u jiddependu fuq finanzjament irħis mill-BĊE biex iżommu rashom 'il fuq mill-ilma; ħafna minnhom ġarrbu wkoll telf kbir li rrikonoxxew biss

parzjalment, u konsegwenza ta' dan uħud minnhom għadhom, fil-fatt, insolventi,

- E. billi s'issa l-Unjoni Ewropea u l-gvernijiet tal-Istati Membri ma implimentawx ir-riformi meħtieġa biex is-settur finanzjarju jopera l-ewwel u qabel kollox fl-interess pubbliku, jaċċetta qligħ aktar baxx u jkun orjentat lejn l-istmellija tar-riskju u lejn miri fuq pejodi twal ta' żmien minflok profitti fuq perjodi qosra ta' żmien, u lanqas ma wettqu r-riformi meħtieġa għal regolamentazzjoni aktar stretta tas-swieq finanzjarji,
- F. billi l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2011 indirizzaw il-ħtieġa ta' "testijiet tal-istress ambizzjużi" għall-banek; billi t-testijiet tal-istress tal-banek diġà mwettqa mill-UE bla dubju ma kinux stretti biżżejjed, peress li taw ċertifikat tajjeb kemm lill-Bank of Ireland kif ukoll lill-Allied Irish Bank, li l-problemi tagħhom bdew sejr in għall-aġar u ftit wara biss wasslu għas-salvataġġ taż-żona tal-euro għall-Irlanda,
- G. billi l-gvernijiet tal-UE ħadu azzjoni sabiex id-detenturi ta' bonds tal-banek ikunu protetti akkost ta' kollox, filwaqt li ppreferew minflok li jimponu telf fuq il-kontributori tat-taxxa – anke jekk dan wassal is-solvenza tal-gvernijiet għal-limitu tagħha; billi din hija r-raġuni sottostanti għall-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilità, li kkawża approfondiment ulterjuri tal-politiki ta' awsterità fl-Unjoni Ewropea, biex b'hekk il-piż finanzjarju tas-salvataġġ tas-settur finanzjarju tqiegħed għal darba oħra fuq il-popolazzjoni ordinarja ta' ħaddiema, pensjonanti, eċċ., li l-impjiegi, il-pagi, il-benefiċċji soċjali u d-drittijiet tagħhom jinsabu taħt attakk qawwi,
- H. billi skont l-abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, il-qgħad fl-UE issa jinsab f'livell ta' 23.1 miljun persuna (9.6 fil-mija, madwar 20 fil-mija f'ċerti Stati Membri) - 5.6 miljun persuna inqas mill-ogħla livell tiegħu fit-tieni kwart tal-2008 - u l-qgħad fost iż-żgħażaġħ fl-UE jinsab f'livell ta' 20.4 fil-mija (iktar minn 40 fil-mija f'xi Stati Membri); billi t-tkabbir fil-kostijiet tax-xogħol għal kull unità fl-UE ilu nieżel minn nofs l-2009, sa ma laħaq -2% fit-tieni kwart tal-2010,
- I. billi l-qgħad se jkompli sejjer għall-aġar minħabba l-mewġa ta' awsterità tal-UE u d-deċiżjonijiet tal-Istati Membri - imposti fuq uħud minnhom fil-kuntest ta' salvataġġi konġunti UE-FMI - li jnaqqsu b'mod qawwi l-impjiegi fis-settur pubbliku,
- J. billi s-Segretarju Ġenerali tal-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trejdunjins, John Monks, iddikjara dan l-aħħar fittra lill-Kummissarju Olli Rehn li "l-proposti dwar il-governanza ekonomika x'aktarx li jiġġeneralizzaw dawn il-persjonijiet fiż-żona tal-euro u lill hinn minnha, u ma japplikawx biss għal pajjiżi f'diffikultajiet fis-swieq dinjija tal-bonds", u li "l-EUTC se ssibha impossibbli li tappoġġa azzjoni mill-UE fuq dawn il-linji, jew proposti dwar il-governanza ekonomika, u kwalunkwe trattat ġdid li jkunu jinsabu fih, li jixbħu f'ċerti aspetti d-dispożizzjonijiet ta' kumpens (kastig) tat-Trattat ta' Versailles, u jġibu lill-Istati Membri fi status kważi kolonjali",
- K. billi l-politiki ta' awsterità tal-UE u tal-Istati Membri – tnaqqis qawwi fl-investment pubbliku, żarmar kontinwu tal-protezzjoni soċjali u tal-istat soċjali, mewġa oħra ta' privatizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi, trażżin tal-pagi, iż-żieda fir-rati tal-VAT, eċċ. – se jwasslu sabiex il-poter tal-akkwist u d-domanda interna jkomplu jiddgħajfu, id-dħul fiskali jitnaqqas u l-istaġnar ekonomiku jittawwal fiż-żmien jew wieħed jerġa' lura għar-riċessjoni, u b'politiki ta' awsterità bħal dawn, l-għan iddikjarat uffiċjalment li jitnaqqas

id-dejn pubbliku, jiżdiedu l-impjiegi u "tithaddar l-ekonomija" x'aktarx li ma jintlaħaqx,

Kummenti Ġenerali - Ewropa 2020 u l-implimentazzjoni tagħha

1. Jopponi b'qawwa l-proposta mill-Kanċillier Ġermaniż Merkel u mill-President Franċiż Sarkozy dwar "Patt ta' Kompetittività", li titlob li tintemm l-indiċizzazzjoni tal-pagi, li tiżdied l-età tal-irtirar għal 67, li jiġu armonizzati l-politiki fiskali u tax-xogħol u li l-limiti tad-dejn jiġu ffixxati fil-kostituzzjonijiet nazzjonali fiż-żona tal-euro; jistieden lill-Kunsill jiċħad din il-proposta;
2. Jopponi b'qawwa l-Istrateġija Ewropa 2020, peress li ma tipprovdi l-ebda soluzzjoni għall-problemi tal-popolazzjoni u tkompli u ssaħħaħ ukoll il-politiki żbaljati tal-UE li wasslu għall-kriżi; jikkritika b'mod qawwi l-fatt li l-ugwaljanza għan-nisa assolutament mhijiex qed tiġi indirizzata; jirrimarka li fl-isfond taż-żieda fil-qgħad u tal-faqar li kulma jmur qed jiżdied, l-istrateġija ma tipprovdi l-ebda enfasi ċara dwar kif dan jista' jitnaqqas b'mod effikaċi permezz ta' strumenti ta' politika ekonomika, soċjali u tal-impjiegi għal żvilupp ambjentalment u soċjalment sostenibbli u impjiegi għal kulħadd bi drittijiet għall-ħaddiema;
3. Jirrimarka li jekk ser tibqa' tiġi segwita din it-triq ta' trażżin fiskali, mhux ser ikun possibbli li jiġi ġġenerat biżżejjed investiment favur it-tħaddir tal-ekonomija, il-ħolqien ta' impjiegi ġodda, it-titjib fl-edukazzjoni, fil-ħiliet u fil-kompetenzi u l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali sabiex jintlaħqu l-miri u l-għanijiet tal-UE 2020; iqis, għalhekk, li l-istrateġija UE 2020 hija bbażata mill-bidu nett tagħha fuq wegħdiet fiergħa li ma jistgħux jinżammu billi tiġi segwita "l-politika makroekonomika ġdida" kif previst mill-Kummissjoni u mill-Kunsill;
4. Jenfasizza li l-baġit attwali tal-UE jonqos saħansitra milli jipprovdi l-inizjattivi emblematiċi tal-Ewropa 2020 bir-riżorsi baġitarji korrispondenti u li mingħajr adattament tal-qafas finanzjarju multiannwali (MFF) attwali, m'hemmx ċans li l-Ewropa 2020 titwettaq fil-baġits annwali tal-UE qabel l-2014; jenfasizza li dan jitfa' dawl qawwi fuq kemm il-Kunsill - li dejjem lest li jrażżan il-baġit tal-UE filwaqt li jżid il-kompiti tagħha - jieħu bis-serjetà l-impenji tiegħu stess fir-rigward tal-Ewropa 2020;
5. Jenfasizza li l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2011 dwar l-infrastruttura tal-enerġija jipprovdu kampjun ta' provi dwar dan: fl-isfond tal-politiki ta' awsterità li għandhom jiġu segwiti domestikament, l-Istati Membri rrifjutaw it-talbiet tal-Kummissjoni għal investiment pubbliku qawwi fi "grilji intelliġenti tal-elettriku" biex jiġi promoss l-użu tal-enerġiji rinnovabbli, u minflok il-Kunsill insista li "l-parti l-kbira tal-ispejjeż ta' finanzjament importanti għal investimenti fl-infrastruttura se jkollha tiġi mis-suq, filwaqt li l-ispejjeż jiġu rkuprati mit-tariffi" - jiġifieri prezzijiet oġhla għall-konsumaturi;
6. Iqis li l-parti l-kbira tal-fornituri tal-elettriku u tan-netwerks m'għandhomx interess partikolari li jżviluppaw infrastruttura deċentralizzata ta' enerġija rinnovabbli u l-grilji intelliġenti tal-elettriku meħtieġa għaliha; jikkritika b'qawwa l-fatt li d-deċiżjoni tal-Kunsill qed timbotta b'determinazzjoni l-ikkompletar tas-suq intern liberalizzat tal-enerġija sal-2014, filwaqt li trażżan iż-żieda mgħaġġla tant meħtieġa fl-użu ta' sorsi rinnovabbli ta' enerġija; jirrimarka li anke l-miri modesti tal-enerġija u tat-tibdil tal-klima

tal-Ewropa 2020 x'aktarx li mhux se jintlaħqu billi jiġi adottat approċċ bħal dan;

7. Jirrimarka li, minkejja xi retorika superfiċjali dwar "it-tnaqqis tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali" (Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar) u "l-protezzjoni tal-aktar gruppi vulnerabbli fis-soċjetà" fil-qafas tal-"politiki ta' konsolidament fiskali", il-Kummissjoni insistiet b'suċċess fuq l-implimentazzjoni ta' tnaqqis fil-pagi minimi (l-Irlanda, il-Latvja), fil-benefiċċji soċjali (l-Irlanda, il-Greċja, il-Latvja) u fil-forniment ta' servizzi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fl-isptarijiet (il-Latvja, ir-Rumanija, il-Greċja, l-Ungerija) fil-qafas tal-"pakketti ta' salvataġġ" immexxija mill-UE u mill-FMI; jikkritika b'qawwa dawn il-politiki u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jirrevokaw ir-rekwiżiti ta' kundizzjonalità imposti fuq dawn il-pajjiżi;
8. Jirrimarka li l-politiki ta' awsterità tal-Istati Membri kif implimentati fil-qafas tal-konformità mal-Patt ta' Tkabbir u Stabilità se jżidu l-faqar u l-esklużjoni soċjali, filwaqt li jagħmluha improbabbli ħafna li saħansitra tintlaħaq il-mira ewlenija modesta tal-Ewropa 2020 rigward it-tnaqqis tal-faqar;
9. Jenfasizza li l-Linji Gwida Integrati tal-Ewropa 2020 jitolbu approċċ iebs mill-Istati Membri favur id-deċentralizzazzjoni tan-negozjar kollettiv, il-flessibilizzazzjoni tal-impjiegi kif ukoll l-iffriżar u t-trażżin tal-pagi fis-settur pubbliku (linja gwida 2: "L-iffissar adegwat tal-pagi fis-settur pubbliku għandu jitqies bħala sinjal importanti li jiżgura l-moderazzjoni tal-pagi fis-settur privat f'konformità mal-ħtieġa li titjeb il-kompetittività"); jirrimarka li t-Trattat jeskludi kwistjonijiet ta' pagi u negozjar kollettiv mill-ambitu tiegħu u jistieden lill-Kunsill iħassar dawn ir-rakkomandazzjonijiet mil-Linji Gwida Integrati tal-Ewropa 2020;
10. Jikkritika b'qawwa l-fatt li fil-qafas tal-"pakketti ta' salvataġġ" immexxija mill-UE u mill-FMI, il-Kummissjoni għamlet kundizzjonijiet mingħajr derogi biex il-ħruġ ta' fondi taġħmlu jiddependi fuq it-tnaqqis tal-pagi minimi, it-tnaqqis fir-"riġiditajiet" tal-pagi, it-tnaqqis fid-drittijiet għal pensjoni, flessibilità akbar fis-swieq tax-xoġhol u "l-allinjament tal-pagi aktar mill-qrib mal-produttività fil-livell tad-ditta, inkluż permezz tar-riforma tas-sistemi tal-arbitraġġ u tan-negozjar kollettiv"; jirrimarka li dawn il-politiki huma ksur serju tad-drittijiet għad-djalogu soċjali u għan-negozjar kollettiv; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jirrevokaw dawn ir-rekwiżiti għal għajjnuna mill-UE u mill-FMI;
11. Jenfasizza l-analiżi mill-Kummissjoni tal-Abbozzi tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020, li tilmenta b'mod ġenerali dwar "livelli relattivament baxxi ta' ambizzjoni fl-iffissar ta' miri nazzjonali u ta' enfasi eċċessiva fuq terminu qasir ta' żmien" u li twissi li "sforzi kumulattivi [tal-Istati Membri] (li lanqas jilħqu l-10%) jkunu jaqgħu ferm taħt il-mira globali tal-UE għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija b'20% sal-2020", u li tilmenta dwar nuqqasijiet simili fir-rigward tal-miri għall-edukazzjoni u għat-tnaqqis tal-faqar;
12. Jirrimarka li - fl-isfond tan-numru drastikament imnaqqas ta' 5 miri ewlenin modesti ħafna fl-Ewropa 2020 meta mqabbla mal-Istrateġija ta' Lisbona - jidher li jinħoloq "distakk implimentattiv" simili fir-rigward tal-Ewropa 2020, kif kien il-każ fl-Istrateġija ta' Lisbona fid-deċennju ta' qabel; iqis li l-eżerċizzju tal-eżami annwali tal-"Programmi Nazzjonali ta' Riforma" jaf ma jkunx jiswa l-isforz u sempliċement ħela ta' ħin;

L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, il-Governanza Ekonomika u s-Simestru Ewropew

13. Jopponi b'qawwa r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni li jinsabu fl-Istħarriġ Annwali tagħha dwar it-Tkabbir, li jiffokaw fuq tnaqqis ħafna aktar rigoruż tal-iżbilanċi kif diġà mitlub mill-Patt ta' Stabilità u Tkabbir, fuq żieda fit-taxxi indiretti (li se jolqtu l-aktar lill-foqra u lil min hu vulnerabbli), fuq "moderazzjoni stretta u kontinwa tal-pagi, inkluża r-reviżjoni tal-klawżoli ta' indiċjar fis-sistemi ta' negozjar", fuq l-allegata hteġa li l-Istati Membri "jżidu l-età tal-irtirar u jorbtuha mal-istennija tal-għomor" - minkejja l-fatt li l-UE m'għandha l-ebda kompetenzi rigward il-pensjonijiet statutarji jew in-negozjar kollettiv, fuq il-liberalizzazzjoni ulterjuri tas-servizzi u s-suq intern, eċċ.; jistieden lill-Kunsill jiċħad dan l-approċċ meta jfassal "gwid" għall-politiki tal-Istati Membri;
14. Jistieden lill-Kunsill jiċħad il-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni dwar il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv, peress li dawn se jgħibu għall-agħar in-natura proċiklika tal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir u jaggravaw it-tnaqqis ekonomiku li, min-naħa tiegħu, se jagħmilha saħansitra aktar diffiċli li jintlaħqu l-miri rigward il-finanzi pubbliċi;
15. Jistieden lill-Kunsill jiċħad il-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni dwar il-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi, peress li jekk l-"iżbilanċi" jintrabtu sistematikament mal-"kompetittività", l-enfasi kollha tal-aġġustament tkun qed titqiegħed fuq pajjiżi bi "żbilanċ estern" biss; jenfasizza li inugwaljanzi kbar (u b'mod partikolari s-sehem li kulma jmur qed jikber tal-profitti u s-sehem li kulma jmur qed jonqos tax-xogħol) jipproduċu ffrankar żejjed u li l-istrateġija tal-pajjiżi li jabbużaw mill-munita unika billi jibnu "bilanċi pożittivi" permezz tal-moderazzjoni tal-pagi askapitu ta' Stati Membri oħra mhux qed tissemma bl-ebda mod bħala problema - minflok il-pajjiżi ta' bilanċi pożittivi qed jintalbu jkomplu jneħħu r-regolamentazzjoni fis-settur tas-servizzi tagħhom;
16. Jenfasizza li jeħtieġ li l-pajjiżi b'bilanċi pożittivi jbiddu l-iżvilupp ekonomiku tagħhom b'mod li jsaħħa id-domanda interna u l-ekonomija domestika tagħhom, intr alia billi jippermettu pagi ogħla; jipproponi li jitwaqqaf mekkaniżmu ta' "clearing union" fl-UE-27 li jobbliga lill-pajjiżi b'bilanċi pożittivi jħallsu rati tal-interessi pożittivi lill-pajjiżi b'defiċit, u b'hekk jippermettulhom jinvestu fi produzzjoni, servizzi u infrastruttura sostenibbli ambjentali u soċjali, iżidu l-produttività u jnaqqsu d-defiċits; jopponi b'qawwa kwalunkwe sanzjonijiet kontra pajjiżi b'defiċits fil-kontijiet kurrenti;
17. Jistieden lill-Kunsill jabbanduna l-proġett tiegħu ta' "bidla limitata fit-trattati biex jitwaqqaf Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilità", peress li fil-kunċett attwali tiegħu l-MES iservi biss biex jiġu salvati l-banek għat-tieni darba, filwaqt li bi skambju, jinbada eżerċizzju ta' awsterità kontra dak li jkun fadal mill-istat soċjali, mill-introjti u mill-istandards tal-għajxien ta' persuni ordinarji biex jitħallas lura dan id-dejn; jitlob li tinstab soluzzjoni għall-UE kollha kemm hi li ġġiegħel lill-banek jirrikonoxxu t-telf tagħhom u li ġġiegħel lid-detenturi tal-bonds jerġgħu jikkapitalizzawhom jekk ikun meħtieġ hekk, billi jinġabar kapital addizzjonali, l-ewwel mis-suq u mbagħad billi l-bonds tad-detenturi tal-bonds jinbiddu f'ishma;

II-hteġa ta' politika alternattiva dwar il-governanza soċjoekonomika tal-UE

18. Jinsisti dwar il-hteġa li fit-tliet sa ħames snin li ġejjin ikun hemm stimolu fiskali ulterjuri biex jiġi miġġieled l-istaġnar ekonomiku u tiġi żviluppata strateġija ta' dħul għal impjegi

ġodda: Pjan ta' Rkupru tal-UE ġdid, aktar b'saħħtu u mmirat aħjar li jiffaċilita l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-komponenti kollha tiegħu, li jimmobilizza wieħed fil-mija tal-PGD tal-UE kull sena għall-investiment fi żvilupp li jkun sostenibbli f'sens ambjentali, soċjali u ekonomiku, li jippromwovi l-ekwità, ix-xogħol għal kulħadd b'“impjiegi tajbin”, it-tħaddir tal-ekonomija, il-benessri soċjali, il-qerda tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali u l-ħolqien ta' koeżjoni soċjali u territorjali mtejba fl-UE kollha; jenfasizza li dan għandu jkun akkumpanjat minn miżuri simili fil-livell tal-Istati Membri li jkunu kkoordinati b'mod koerenti bejniethom u mal-azzjoni fil-livell tal-UE;

19. Jenfasizza li l-Unjoni Ewropea għandha timmobilizza u tuża l-fondi tagħha (BEI, BERŻ, EFSM, eċċ.) bir-rata baxxa ta' interessi ta' 1% tal-BĊE biex issellef għal investiment minflok ma titlob awsterità, b'enfasi fuq dawk il-pajjiżi li l-aktar huma fil-bżonn ta' stimolu fid-domanda, u anke billi tagħti fondi Komunitarji (Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni) mingħajr il-ħtieġa ta' kontropartijiet nazzjonali;
20. Jitlob lill-Kunsill biex iwessa' l-mandat tal-Bank Ewropew għall-Investiment (BEI) u tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ), sabiex il-politika ta' self tagħhom ikunu jistgħu jkopru l-partijiet kollha tal-Pjan ta' Rkupru Ewropew il-ġdid (pereżempju billi tiġi inkluża l-politika industrijali sostenibbli, eċċ.);
21. Jenfasizza li tista' jintlaħaq fattur ta' multiplikazzjoni tal-impjiegi u tad-dħul ta' bejn 1.5 u 2 għal tali investiment pubbliku mmexxi mis-settur pubbliku, u b'hekk ikun hemm il-prospett li l-miżuri meħuda fil-Pjan ta' Rkupru tal-UE jkunu jistgħu jiffinanzjaw lilhom infushom fil-parti l-kbira tagħhom;
22. Jenfasizza l-fatt li kwalunkwe appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri għandu jkun marbut mal-prinċipji tal-Mudell Soċjali Ewropew, m'għandux ikun jinvolvi tnaqqis mis-settur pubbliku, iffriżar deflazzjonarju ta' pagi eċċ. u għandu jseħħ b'mod gradwali biex jiġi evitat trażżin fiskali proċikliku;
23. Jinnotta li l-UE u l-Istati Membri għandhom jimplimentaw mekkaniżmi għal ġestjoni pubblika mmirata u demokratikament ikkontrollata ta' investiment mill-pjan il-ġdid ta' rkupru għal dawk is-setturi tal-ekonomija milquta l-aktar mill-kriżi, lejn industrij u servizzi sostenibbli emerġenti ġodda u lejn reġjuni żvantaġġati; jinsisti fuq l-involviment u l-parteciġipazzjoni attiva ta' dawk milquta minn dawn l-investimenti;
24. Jenfasizza li kull meta l-Istati Membri jipprovdu għajnuniet, kapitalizzazzjoni mill-ġdid u garanziji finanzjarji għall-kumpaniji bi problemi, dan għandu jissarraf f'żieda fl-ishma pubbliċi fl-interessi ta' votazzjoni u fil-profitti futuri, u dawn għandhom jintużaw biex jinfluwenzaw l-istrateġiji ta' investiment tal-kumpaniji; jirrimarka li l-Istati Membri għandhom jimplimentaw miżuri għat-tiżiħ tad-demokrazija ekonomika, tal-bidla fil-governanza tal-kumpaniji sabiex tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-ħaddiema, tat-trejdunjins u tal-konsumaturi u tad-dimensjoni soċjali u ambjentali fl-għażliet strateġiċi tal-kumpaniji u tas-servizzi pubbliċi;
25. Jistieden lill-Kunsill biex jistabilixxi Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji ġenerali (FTT) fil-livell tal-UE, biex tinqered l-ispekulazzjoni u jiġi żgurat li s-settur finanzjarju jikkontribwixxi b'mod ġust għall-irkupru ekonomiku u għall-finanzjament mill-ġdid tal-piż fiskali ta' operazzjonijiet ta' salvataġġ pubbliku; jirrimarka li skont studji reċenti, fl-

Ewropa, FTT ġenerali ta' 0.1% tista' tiġġenera dħul annwali ta' 2.1% tal-PGD (madwar EUR 262 biljun); jipproponi li d-dħul minn FTT ġenerali għandu jintuża għal għajnuna għall-iżvilupp, miżuri kontra l-kriżi, kif ukoll għall-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli;

26. Jistieden lill-Istati Membri jżidu t-taxxi fuq il-bonusijiet tal-banek u tal-maniġers, fuq id-dħul mill-kapital (dividends, rati tal-interessi), fuq il-profitt mill-kapital u fuq patrimonji kbar u fuq il-wirt, filwaqt li dan id-dħul jintuża biex jiżdied l-investment immexxi mis-settur pubbliku; jirrimarka li b'dan il-mod, id-dinamiki jistgħu jissaħħu u jiddaħħlu fi strateġija għal żvilupp ambjentali u soċjali sostenibbli, sabiex jitnaqqsu d-defiċits fuq medda ta' żmien medja; jinnotta li l-Istati Membri għandhom jipprevedu qtugħ fl-infiq militari u fis-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent biex jgħinu l-konsolidazzjoni fiskali;
27. Huwa tal-fehma li t-twaqqif ta' pilastru finanzjarju pubbliku (banek nazzjonalizzati, banek għat-tiġmigħ lokali u reġjonali) f'assoċjazzjoni mill-qrib mal-banek tal-ekonomija soċjali (banek kooperattivi, banek reċiproċi) huwa meħtieġa b'mod urġenti biex il-kreditu jkun iffokat fuq investment ta' utilità soċjali u ambjentali, li joħloq impjegati ta' kwalità bi drittijiet għall-ħaddiema; iqis li t-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-politiki ta' kreditu tas-settur finanzjarju għandhom isiru taħt kontroll pubbliku demokratiku u bil-parteċipazzjoni demokratika tal-impjegati u l-konsumaturi;
28. Jinsisti dwar miżuri qawwija biex tinqered l-ispekulazzjoni fis-suq finanzjarju; jenfasizza l-ħtieġa ta' miżuri urġenti immedjati biex jiġi pprojbit bejgħ u negozju skoperti fi swaps ta' inadempjenza tal-kreditu u biex tiġi stabbilita aġenzija pubblika Ewropea ta' klassifikazzjoni; jirrimarka li l-fondi ħeġġ u l-fondi tal-kapital privat għandhom ikunu pprojbiti li joperaw fl-UE jew mill-inqas ristretti sew, filwaqt li ċ-ċentri offshore għandhom jingħalqu; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex iħaffu r-regolamentazzjoni iktar stretta tas-sorveljanza tas-settur finanzjarju;
29. Iqis li pagi baxxi, u l-fatt li l-ħaddiema Ewropej jiġu mġiegħla jqaċċtu mis-salarji ta' xulxin, se jwasslu għal deflazżjoni, se jnaqqsu l-poter tal-akkwist u d-domanda interna u se jżidu r-riskju li l-ekonomija terġa' taqa' friċessjoni; jinsisti dwar il-bżonn li jiġu stabbiliti limiti minimi effettivi għall-pagi fl-iktar livelli baxxi tas-suq tax-xogħol (salarji minimi, u wkoll il-kunċett ta' paga għall-għajxien), l-implimentazzjoni tal-prinċipju tat-trattament indaqs u paga indaqs għal xogħol indaqs jew xogħol ta' valur ugwali fl-istess post tax-xogħol, filwaqt li jkun hemm il-possibilità ta' żviluppi 'l fuq fil-pagi bħala kumpens għall-inflazzjoni, żidiet fil-produttività u komponent qawwi ta' ridistribuzzjoni;
30. Jenfasizza li bħala kwistjoni ta' urġenza, id-distakk fil-pagi bejn il-ġeneri għandu jitnaqqas għal bejn 0 u 5% sal-2020, billi jitfasslu pjanijiet b'diversi fażijiet li japplikaw għall-ekonomija kollha b'objettivi ċari li għandhom jiġu appoġġati bin-negozjar kollettiv u bit-taħriġ ta' konsulenti tal-ugwaljanza; jirrimarka li l-forom diretti u indiretti ta' diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru għandhom jingħelbu, anke billi jiġi indirizzat is-sehem mhux indaqs fix-xogħol li ma jitħallasx bejn in-nisa u l-irġiel u billi jiġu stipulati pjanijiet ta' ugwaljanza għall-fabbriki u għal postijiet oħra ta' xogħol;
31. Iżomm mal-pożizzjoni tiegħu dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għall-perjodu 2010-2012; jipproponi li l-istrateġija l-ġdida tal-UE favur l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għandha tikkostitwixxi aġenda għall-azzjoni u impenn politiku li jkun ibbażat fuq il-pjattaforma għall-Azzjoni ta' Pekin u l-kisbiet tagħha, billi d-drittijiet tal-bniedem tan-

nisa u tat-tfajliet jirrappreżentaw parti inaljenabbli, integrali u indiviżibbli mid-drittijiet universali tal-bniedem;

32. Jenfasizza l-importanza tal-ġlieda kontra l-isterjotipi fl-oqsma u fl-istadji kollha tal-ħajja, peress li dawn jikkostitwixxu waħda mill-aktar kawżi persistenti tan-nuqqas ta' ugwəljanza bejn l-irġiel u n-nisa, li jaffettwaw l-ġhażliet tagħhom fil-qasam tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tal-impjieg, tad-distribuzzjoni tar-responsabilitajiet domestiċi u tal-familja, tal-parteċipazzjoni fil-ħajja pubblika u l-parteċipazzjoni u r-rappreżentanza fil-pożizzjonijiet tat-teħid ta' deċizzjonijiet, u l-ġhażliet tagħhom fir-rigward tas-suq tax-xoġhol; jitlob direttiva dwar il-prevenzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa;
33. Jinsisti dwar it-talba tiegħu għal approċċ immirat fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, b'mod partikolari rigward mira ġenerali biex jitnaqqas il-faqar tat-tfal bin-nofs u biex ma jkunx għad fadal nies mingħajr post fejn jgħixu sal-2015, mira tal-UE dwar il-pagi minimi (ftehimiet kollettivi statutarji fil-livell nazzjonali, reġjonali jew settorjali) li tipprevedi remunerazzjoni ta' mill-inqas 60 % tas-salarju medju rispettiv (nazzjonali, settorjali, eċċ.), mira tal-UE għal skemi ta' dħul minimu u skemi kontributorji ta' sostituzzjoni tad-dħul li jipprovdu appoġġ għad-dħul ta' mill-inqas 60% tad-dħul nazzjonali medju, u skeda ta' żmien rigward l-ilħiq ta' dawn il-miri mill-Istati Membri kollha; jirrimarka li n-nuqqas ta' akkomodazzjoni residenzjali adegwata għandha tiġi indirizzata fil-livell Ewropew u tal-Istati Membri sabiex ma jkunx għad fadal persuni mingħajr post fejn jgħixu u għandha ssir enfasi partikolari biex jiġi miġġieled il-faqar estrem;
34. Jenfasizza li l-Istrateġija Ewropea għall-Impjieg (EES) m'għandhiex tkun ibbażata fuq l-approċċ tal-flessigurtà, iżda minflok għandha tibda mill-kunċett ta' "Ħidma Tajba" bħala l-punt ta' riferiment ċentrali tagħha, b'iffukar qawwi fuq il-promozzjoni tal-ugwəljanza bejn il-ġeneri, tal-kwalità fix-xoġhol, sigurtà soċjali u inklużjoni soċjali mtejbja, it-tiħiħ tad-drittijiet eżistenti tal-ħaddiema, l-introduzzjoni ta' drittijiet ġodda, il-promozzjoni tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xoġhol, ġestjoni aħjar tar-riskji soċjali u r-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xoġhol mal-ħajja privata; jinsisti li l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri effettivi għall-eliminazzjoni gradwali tal-impjieg prekarju u atipiku;
35. Iqis li kwalunkwe dibattitu serju dwar it-tibdil tat-Trattat tal-UE fid-dawl tal-kriżi għandu jiffoka l-ewwel u qabel kollox fuq il-qirda tal-istruttura monetarista mħaddna fih: it-tneħħija tal-kriterji disfunzjonali ta' Maastricht għall-Unjoni Monetarja Ewropea, it-twaqqif ta' kriterji għal "konverġenza reali" u ta' mekkaniżmi ta' appoġġ biex l-Istati Membri jissodisfaw dawn il-kritejri, ir-revoka tal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir li għandu jiġi sostitwit b'Patt għall-Impjieg u l-Iżvilupp Sostenibbli, it-tfassil mill-ġdid tal-istatut tal-Bank Ċentrali Ewropew sabiex isir responsabbli demokratikament u biex titneħħa l-"indipendenza assoluta" tiegħu, terġa' tiġi definita l-missjoni tiegħu biex jappoġġa żvilupp ekonomiku sostenibbli u bbilanċjat, impjieg šiħ, stabilità finanzjarja u stabilità fil-prezzijiet u fir-rata tal-kambju, biex jissemmew xi wħud mill-iktar tibdiliet fundamentali li għandhom isiru fit-Trattat;
36. Jinsisti li, fid-dawl tad-dibattitu dwar is-suq uniku, tiġi introdotta Klawnsola ta' Progress Soċjali fil-liġi primarja tal-UE, li tistipula li d-drittijiet fundamentali b'mod ġenerali u d-dritt għall-istrajk u l-azzjoni industrijali, in-negożjar kollettiv eċċ. dejjem ikollhom

prijorità fuq il-"libertajiet fundamentali" tas-suq intern;

37. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.